# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**
**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 397/96**

**Numru 39**

**Maurice Cordina Borg esercenti l-kummerc taht CITI-MALTA**

**vs**

**Turab Sheikh**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm103.24c lill-attur dovuti mill-konvenut ghal hlas ta' dazju fl-interess tal-konvenut u servizzi resi (Invoice No 3937) in konnessjoni mal-importazzjoni ta' 4 pakketti kontenuti Restaurant kitchen utensils. Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' ittri u konsulti u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-5 ta' Dicembru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm103.24,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Jannar 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm11.50,0 ta' ittri u konsulti.

Alan Calleja
Dep.Reg